

Brussell,  
BB/cs/S (08) 206

**Is-suġġett:** Ġemellaġġ - sejħa għal espressjoni ta' interess - stedina għal iffirnar ta' konvenzjoni ta' Ġemellaġġ fil-qafas tal-Jiem Ewropej għall-Iżvilupp (Strasburg, 15-17 ta' Novembru 2008)

Is-Sinjura Sindku,  
Is-Sinjur Sindku,

Matul il-Presidenza Franċiża ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew qed jorganizzaw it-tielet edizzjoni tal-Jiem Ewropej għall-Iżvilupp (JE<sup>3</sup>) fi Strasburg mill-15 sas-17 ta' Novembru 2008.

Din is-sena, it-tema ċentrali ta' dan l-avveniment kbir ser ikun "il-poteri lokali u l-iżvilupp". L-iżvilupp tal-pajjiżi tan-Nofsinhar fil-fatt huwa fl-interess ta' kulħadd. Huwa politikament u moralment inaċċettabbli li fis-seklu XXI parti kbira tad-dinja għadha tgħix f'kundizzjonijiet ta' faqar totali, aggravati mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u l-kriżi tal-prodotti ta' l-ikel.

Għadd ta' poteri lokali diġà huma impenjati fi proġetti ta' żvilupp ma' poteri ekwivalenti fil-pajjiżi tan-Nofsinhar. Ir-riżultati ta' dawn l-esperjenzi huma impressjonanti u f'kull każ immobilizzaw enerġiji u dinamiċi bbażati fuq skambji umani pożittivi ħafna. Bi ftit mezzi baġitarji jsiru proġetti utli, ġenerużi u effiċjenti.

Huma meħtieġa ħafna iktar inizjattivi ta' dan it-tip. Fil-fatt li kieku kull poter lokali, bil-mezzi tiegħu, saħansitra limitati, kellu jiddeċiedi li jidħol f'impenn ta' ġemellaġġ ma' belt, raħal, distrett, provinċja, reġjun tan-Nofsinhar, kieku d-dinja tinbidel u l-faqar jonqos malajr ħafna.

M'għandix dubju li inti personalment u l-kollegi tiegħek għandkom għal qalbkom il-parteċipazzjoni attiva ta' din l-inizjattiva ta' solidarjetà bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.

Għalhekk nistiednek tikkonkludi konvenzjoni ta' ġemellaġġ u tiġi tiffirmah fl-okkażjoni taċ-ċerimonja ta' l-iffirnar li ser tiġi organizzata matul il-Jiem Ewropej għall-Iżvilupp fi Strasburg f'Novembru li ġej.

Jekk int interessat f'din il-proposta, nistiednek tinkiteb malajr kemm jista' jkun u tibgħat il-proposta tiegħek għal ġemellaġġ qabel l-20 ta' Settembru lill-Kummissjoni Ewropea f'dan l-indirizz: [devtwinning@ec.europa.eu](mailto:devtwinning@ec.europa.eu)

Filwaqt li nispera li nilqgħakom numerużi fi Strasburg, nibqa' dejjem tagħkom,

Louis MICHEL

**ĠEMELLAĠĠ GĦALL-I-VILUPP**  
**Regoli applikabbli għas-“sejħa għall-interess”**

1. L-inizjaturi ta' proġetti, li għandhom l-għan li jwaqqfu ġemellaġġ bejn l-awtoritajiet lokali ta' l-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali ta' pajjiż li qed jiżviluppa, huma mistiedna jippreżentaw il-kandidatura tagħhom. Ma hemm l-ebda definizzjoni universalment aċċettata ta' l-awtoritajiet lokali. Għalhekk huma kkunsiderati bħala awtoritajiet lokali, fil-fini ta' dan l-eżerċizzju, l-entitajiet territorjali subnazzjonali kkunsidrati bħala tali mill-Istat tagħhom stess.
2. Dejjem għall-għanijiet ta' dan l-eżerċizzju, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma dawk imniżżla fil-lista mehmuża tal-benefiċjarji ta' l-ODA stabbilita mill-OECD/DAC.
3. Il-kandidati jistgħu jippreżentaw proġett ta' ġemellaġġ wieħed biss. Il-ġemellaġġ għandu jkollu bħala għan ewlieni l-istabbiliment ta' relazzjoni solida ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp bejn entità territorjali ta' l-UE, bħala minimu, u entità territorjali ta' pajjiż li qed jiżviluppa, bħala minimu. Il-kandidati li jippreżentaw iktar minn fajl wieħed jiġu eliminati.
4. Il-proġetti ta' ġemellaġġ li ser jiġu ppreżentati m'għandhomx ikunu itwal minn 20 paġna (spazju inkluż) u għandhom jindikaw l-għanijiet tal-ġemellaġġ, l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u r-riżultati reali jew mistennija.
5. Il-proġetti ta' ġemellaġġ għandhom ikunu ġodda jew mill-inqas irid ikollhom inqas minn sena.
6. Id-dokumenti għandhom jiġu ppreżentati f'waħda mit-23 lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom ikunu akkumpanjati minn sommarju obbligatorju, bl-Ingliż jew bil-Franċiż, ta' mhux iktar minn tliet paġni. Huwa importanti li dan is-sommarju jinkiteb b'attenzjoni, minħabba li ser ikun il-bażi għall-għażla tal-ġurija. Is-sommarju għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sħab tal-proġett (ismijiet u lokazzjoni ġeografika), l-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati.
7. Preferibbilment l-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati miż-żewġ sħab tal-ġemellaġġ jew, f'każ ta' kandidatura unika, mill-inqas bil-kunsens tas-sieħeb/sħab l-oħra tal-proġett ta' ġemellaġġ.
8. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz tal-posta elettronika f'dan l-indirizz : [devtwinning@ec.europa.eu](mailto:devtwinning@ec.europa.eu)
9. Fid-dokumenti li ser jiġu ppreżentati għandhom jiġu indikati l-ismijiet ta' l-inizjaturi tal-proġetti u l-istatut preċiż ta' l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' ġemellaġġ.
10. Il-proġetti li diġà bbenefikaw minn sussidju mill-Kummissjoni Ewropea mhux ser jiġu kkunsidrati.
11. Il-parteċipanti li jntgħazlu ser jiġu mistiedna jiffirmaw il-proġett-konvenzjoni ta' ġemellaġġ fl-okkażjoni tal-"Jiem Ewropej għall-Iżvilupp" (mill-15 sas-17 ta' Novembru 2008, fi Strasburg, Franza)<sup>1</sup>.
12. Id-deċiżjoni tal-ġurija hija definittiva u irrevokabbli.
13. Il-proġetti ta' ġemellaġġ ippreżentati mill-persunal ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea mhux ser jiġu kkunsidrati.
14. Il-partijiet interessati għandhom sa' l-20 ta' Settembru 2008 biex jippreżentaw il-proġett tagħhom; ir-riżultati ta' l-ewalwazzjoni u l-inviti ser jintbagħtu fil-15 t'Ottubru 2008.
15. Il-Kummissjoni Ewropea ser tħallas l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u l-vjaġġ tas-sieħeb ta' ġemellaġġ ta' pajjiż li qed jiżviluppa li jmur Strasburg mill-15 sas-17 ta' Novembru 2008<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> In-numru ta' proġetti ta' ġemellaġġ li jintgħażlu jiddependi fuq in-numru ta' applikazzjonijiet u fuq l-ewalwazzjoni li ssir mill-ġurija.

<sup>2</sup> L-ispejjeż tal-parteċipant li jirrappreżenta s-sieħeb tal-ġemellaġġ tal-pajjiż li qed jiżviluppa jkunu koperti. Dan ifisser li :

- l-Akkomodazzjoni jumejn għal kull parteċipant f'lukanda li twieġeb il-kriterji stipulati mill-Kummissjoni.
- il-Vjaġġ : vjaġġ bir-ritorn imħallas bejn l-Istat Membru ta' l-UE u Strasburg u vjaġġ ta' ritorn bl-ajruplan bejn pajjiż li qed jiżviluppa u Strasburg fit-2 klassi jew biljett tal-ferrovija fl-1 klassi.